# MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 75/2023-8

Il-Ħamis, 15 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fid-9.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI :

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

75.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji;**

Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji peress li kulħadd kien preżenti.

75.2 **Il-ħruq tan-nar fix-Xwejni Music Fest – id-dikjarazzjoni li qed titlob b'mod unilaterali s-Sindku (mozzjoni nru 3/2023)**

Din il-laqgħa ġiet imsejħa fuq mozzjoni Nru 3 imressqa mill-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba.

Is-Sindku qrat il-mozzjoni. (Dok A)

Wara li nġibdet l-attenzjoni illi materja waħda biss tiġi diskussa waqt laqgħa b'urġenza, il-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba waqqgħu l-materja li kienet: Ix-xogħol li ser jibda fi Triq Għajn Qċċat – kif iddaħħal kuntrattur ieħor. Il-membri qablu li din il-materja titniżżel fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss li ser issir nhar il-Ħamis, 22 ta' Ġunju 2023.

Is-Sindku stiednet lil Kunsillier Daniel Cordina sabiex jibda' d-diskussjoni. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li dan huwa ħin mitluf pero flimkien mal-Kunsillier Baskal Saliba ħassew il-ħtieġa li ssir din il-laqgħa. Fakkar li s-sena l-oħra ma nqelew ebda problemi waqt ix-Xwejni Music Fest bil-ħruq tan-nar u qal li hu ta' l-opinjoni li ma kellux bżonn jinqala dan kollu. Qal li l-liġi hija ċara u tgħid li Licencee A hu responsabbli mill-kamra tan-nar sal-ħruq tan-nar u għalhekk id-dikjarazzjoni li qed tintalab mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiġi rtirata. Sostna li hi tal-mistħija li tintbgħat risposta lill-Għaqda tan-Nar bl-Avukat tal-Kunsill meta ma kinx hemm approvazzjoni min-naħa tal-Kunsill sabiex tintbgħat risposta bl-Avukat. Kompla jgħid li jikkundanna dan l-aġir jekk dan ġiex imqabbad jew mis-Sindku u/jew mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex mingħajr xkiel l-Għaqda tan-Nar tieħu sehem fix-xow tan-nar li ssir mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija u n-nar jinħaraq skont il-liġi. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li jemmen li l-posiżżjoni kienet ċara u ma kinx hemm il-ħtieġa li tintbgħat risposta bl-Avukat.

Il-Kunsillier Nicky Saliba fakkar li sabiex ikun hemm it-*team organizers* kollha koperti irid ikun hemm il-polza t'assigurazzjoni u l-permessi kollha preżentati bħal ma dejjem għamlu. Kompla jgħid li jekk bħala membri tal-Kunsill jixtiequ li tiġi rtirata kwalunkwe deċiżjoni hu xorta ser iżomm il-posizzjoni tiegħu. Qal li ittra mibgħuta mill-avukat hi biżżejjed u ma hemmx bżonn li tiġi ffirmata dikjarazzjoni.

Il-Kunsillier Daniel Cordina talab li l-membri jgħaddu vot. Fakkar li kif hemm ċar fl-email ta' l-Għaqda tan-Nar huma ser ikunu qed japplikaw għal permessi tal-Pulizija kollha, itqabbdu l-Protezzjoni Ċivili u ssir il-polza t'assigurazzjoni. Qal la darba jiġu sottomessi dawn hu jaqbel li jsir ix-xow tan-nar. Is-Sindku Dott Marlene Cini nfurmatu li hi m'għandha xejn kontra pero għall-interess tal-Kunsill u mhux għall-interess personali għandha ssir id-dikjarazzjoni mitluba. Il-posizzjoni tagħha hija ċara u għaldaqstant jekk hemm xi kunsillier/i li jridux l-interess tal-Kunsill, għandhom jerfgħu r-responsabilita' huma. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li ma jista' jitħalla jidħol ħadd fil-*buffer zone* u l-Għaqda ser tkun responsabbli.

Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li kemm jista' jkun ma jixtieqx li jidħol f'argumenti fuq l-Għaqda tan-nar bħal ma ġara s-sena l-oħra. Fakkar li meta kien isir il-festival tan-nar fil-festa kien jagħmel kollox hu u ~~huma~~ tal-Licencee kemm jiffirmaw. Sostna li la jiffirmaw ~~huma~~ tal-Licence A, hu~~ma~~ ~~jidħlu~~ jidħol responsabbli.

Il-Viċi Sindku, Sandra Grech fakkret lil membri fl-inċident li sar riċentament f'raħal ieħor. Il-Kunsillier Nicky Saliba nfurmaha li l-Licencee A daħal responsabbli u fakkar li kull mhu ser jinħarqu huma stuppini.

Is-Sindku talbet li ssir votazzjoni min hu favur li ssir dikjarazzjoni li l-Għaqda tan-Nar tidħol responsabbli u min hu favur li ma ssir ebda dikjarazzjoni min-naħa ta' l-Għaqda tan-Nar.

Il-Kunsilliera, Nicky Saliba, Daniel Cordina u Baskal Saliba vvutaw kontra li ssir dikjarazzjoni waqt li s-Sindku, Dott Marlene Cini u l-Viċi Sindku, Sandra Grech ivvutaw favur li ssir dikjarazzjoni u dana għall-interess tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Daniel Cordina talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tinforma lil Għaqda tan-Nar sabiex iġibu l-permessi kollha meħtieġa u l-polza t'assigurazzjoni.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.20 ta' filgħodu.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Dok. A.

Mozzjoni Nru 3/2023.

13 ta' Gunju 2023

Lis-Segretarju

Kunsill Lokali Zebbug

Sinjura Segretarja,

Ahna hawn taht iffirmat, Daniel Cordina u Baskal Saliba, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali qed nitolbu li tigi msejha Laqgha b' Urgenza ai termini tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta

Qed nitolbu din il-laqgha biex jigu diskussi b' urgenza :-

~~1. Ix-xoghol li ser jibda fi Triq Ghajn Qucca t – kif ddahhal kuntrattur iehor~~

2. Il-hruq tan-nar fix-Xwejni Feast – id-dikjarazzjoni li qed titlob b' mod unilaterali s-Sindku.

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali
Iż-Żebbuġ Għawdex

Inti mitluba ssejjah din il-laqgha fit-termini li taghti l-Ligi u fl-inqas zmien possibbli.

Daniel Cordina

Baskal Saliba

RECEIVED
14 JUN 2023
BY: